**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-11 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 307/2018SFJ**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**David Michael Farquhar (57363A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu s-soċetà attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tmien mija u ħdax-il Ewro u tnax-il ċenteżmu (€811.12) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni mogħtija mis-soċjetà attriċi lill-konvenut fuq l-akkont li jġib in-numru AC40250254 wara li kien interpellat diversi drabi għall-ħlas iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża, l-ispejjeż u d-drittijiet u kif ukoll l-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata mal-Avviż tat-Talba li hija:

- Dokument "A" li huwa prospett li jindika l-ammont dovut u indikat fl-Avviż tat-Talba;
- Dokument "B" li huwa l-kuntratt ta' servizz;
- Dokument "Ċ" li huwa estratt mir-Reġistru Elettorali li jikkonferma l-indirizz tal-konvenut; u
- Dokument "D" li huwa affidavit ta' Marisa Galea Debono għan-nom tas-soċjetà attriċi.

Ra li fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, it-Tribunal ġie infurmat li l-konvenut jidher li kien miet fil-mori tad-differiment u li s-soċjetà attriċi talbet li tressaq provi dwar dan. It-Tribunal laqa' t-talba.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018, xehdet Sonia Ekezi (349675M), *manager* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* li iddikjarat li l-Aġenzija m'għandha ebda reġistrazzjoni tal-mewt tal-konvenut.

Ra li xehed ukoll Lawrence Bugeja (85570M), wara li ġie eżentat mill-obbligu tal-kunfidenzjalità professjonali, li iddikjara li huwa jaħdem fil-*customer care* tal-Isptar Mater Dei u li mir-*records* tal-isptar Mater Dei ma irriżultax li l-konvenut, bil-karta tal-identità numru 57363A, miet fl-Isptar Mater Dei. Huwa ippreżenta wkoll *screenshot* tar-*records* tal-Isptar Mater Dei fir-rigward ta' informazzjoni dwar il-konvenut, li ġiet immarkata bħala dokument "LB1".

Ra li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ izda baqa' ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2019, xehed Paul Gatt (582590M), prodott mis-soċjetà attriċi li iddikjara taħt ġurament li s-somma indikata kienet għadha dovuta.

Jidhirlu għalhekk li t-talba ġiet suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u ħdax-il Ewro u tnax-il ċenteżmu (€811.12) bl-ispejjeż u d-drittijiet kollha u imgħaxijiet li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**